MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 344/2010

Kawza fil-lista: 36

***V H***
**vs**
***T H***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li fid- 29 ta' Lulju 1990 il-partijiet izzewwgu, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a] u [d], u dak ta' l-attrici fit-termini tal-paragrafu [c] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; ghalhekk iz-zwieg huwa null, u l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara null fil-ligi dan iz-zwieg u tawtorizza r-registrazzjoni tieghu; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut baqa’ kontumaci, izda fl-udejnza tas-6 ta’ April 2011 iddikjara li hu ma joggezzjonax ghat-talbiet attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fid-29 ta ’ Lulju 1990 huwa null fil-ligi peress li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Il-konvenut minn naha tieghu jaqbel mat-talba.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fid-29 ta’ Lulju 1990 meta allura t-tnejn kellhom 18-il sena, u l-attrici kellha erba’ xhur tqala. Wara z-zwieg twieled it-tifel, izda l-hajja matrimonjali kienet karatterizzata b’ inkwiet u tbatija partikolarment da parti ta’ l-attrici.

Jirrizulta li ftit wara z-zwieg l-attrici skopriet li l-konvenut, allura zewgha kien jabbuza mid-droga [cannabis], u eventwalment dan beda jabbuza anke mid-drog erojina. Rizultat ta’ dan, il-konvenut qatt ma seta’ jzomm xoghol, u ghalhekk il-partijiet kienu jghixu bl-assistenza tal-genituri ta’ l-attrici. Il-beneficju socjali kien jigi uzat mill-konvenut biex jixtri d-droga ghalih.

Illi din il-problema tad-droga kienet anke waslet lill-konvenut sabiex jigi kundannat sitt xhur prigunerija.

Illi l-attrici tghid li hi kienet izzewwget lill-konvenut, u wkoll kienet damet tissaporti din il-hajja, unikament minhabba t-tifla, li llum hija maggjorenni, u li kieku ma kienitx inqabdet

tqila ma kienitx tizzewweg ta’ dik l-eta’. Anke l-konvenut jghid li hu kien accetta li jizzewweg lill-attrici minhabba t-tqala.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, stante li mill-provi jirrizulta pacifiku li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u anke wara, huwa wera li ma kienix kapaci jassumi l-obbligi essenzjali ghaz-zwieg, senjatament dawk tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma fondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikdjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-29 ta’ Lulju 1990.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------